MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 531/2005

**Avviz numru 531/05DM**

**APS Bank Ltd (C 2192)**

**Vs**

**Antoinette Ransley (ID 397856 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Bank attur talab il-kundanna tal-konvenuta, ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erbat elef, seba' mija, hamsa u sittin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm4,765.64) u cioe' s-somma ta' erbat elef, hames mija u sitta u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm4,536.86) rappresentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-'Loan Account' numru: 20000184954, flimkien mas-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm228.78) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv ma' l-'Interest Disposal Account' numru: 20000223540, u dan

oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fir-rigward tal-'Loan Account' numru: 20000184954 mit-tletin (30) ta' Gunju, 2005, sad data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata ghoxrin (20) ta' Lulju, 2005, ta' l-ittra gudizzjarja datata tmienja (8) ta' Awissu, 2005, u tal-Mandati ta' Sekwestru u Inibizzjoni pprezentati kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghax b'effett mit-tletin (30) ta' Gunju, 2005, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma deheritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Cheryl Ciappara u l-provi prodotti mill-Bank attur, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata.

Ghaldaqstant qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-Bank attur is-somma mitluba ta' erbat elef, seba' mija, hamsa u sittin liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm4,765.64) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali fuq il-kapital ta' erbat elef, hames mija, sitta u tletin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm4,536.86) b'effett mit-30 ta' Gunju, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------